**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**vs**

**Frankie Bugeja**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Frankie Bugeja ta' 39 sena, iben Francis Bugeja u Doreen (Maria Dolores) Chircop nee' Abela imwieled gewwa l-Pieta fl-1 ta' Novembru 1983 u residenti gewwa fond numru 29, Okella Agius, Triq Hal-Qormi Hamrun u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 570983M

Akkuzat talli nhar it-Tlieta 13 ta' Dicembru 2022 bejn id-9:00hrs u s-14:00hrs minn gewwa r-residenza fond numru 32, Triq Isaac Newton, il-Mellieha:

1. Ikkometta serq ta' DVD player tad-ditta 'Sony' u television tad-ditta 'JVC' ghad-dannu ta' Alistair Pace, liema serq hu kkwalifikat bil-lok u bil-valur li jeccedi mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn,

tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 267, 269 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ikkommetta serq ta' chaser tal-ghamla 'Black & Decker' u jigger tal-ghamla 'Parker' ghad-dannu ta' Zakaria Mustafa, liema serq ikkwalifikat bil-lok u dan bi ksur tal-Artikolu 269 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta bi ksur tal-Artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Akkuzat ukoll talli fid-data, lok, hinijiet u cirkostanzi imsemmija qabel ikkommetta reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija minn Qorti tal-Magistrati nhar it-8 ta' Novembru 2022

5. Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Frankie Bugeja bhala recediv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija ghar-reati hawn fuq imsemmija u jekk jidhrilha xieraq tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnha misruqa jew li hu xjentement laqa' ghandu b'ricetazzjoni jew akkwista bi frodi jew qliegh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li dawn il-proceduri jsiru bil-procedura sommarja.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-24 ta' Dicembru 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda wiegeb li mhux hati ghar-raba' u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, stante li s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-8 ta' Novembru 2022 giet appellata.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' erba' (4) snin prigunerija u f'kaz li jinstab li s-sentenza sospiza ma gietx appellata, din il-Qorti hija obbligata li titratta mieghu fuq ir-raba u l-hames imputazzjonijiet ukoll u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridux jirrevedi l-pozizzjoni tieghu

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputati wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Rat li fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2023, il-Prosekuzzjoni irtirat ir-raba' u l-hames imputazzjoni dedotti kontra l-imputat, stante li mix-xhieda tal-Assistent Registratur irrizulta li s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-8 ta' Novembru 2022 giet appellata u ghada pendenti fl-appell.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena kif ukoll is-sottimissjonijiet tal-ufficjal tal-probation Maria Mifsud fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2023

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

9. Rigward it-tielet imputazzjoni, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fis-seduta tal-24 ta' Dicembru 2022 li din l-imputazzjoni kienet alternattiva ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, u ghalhekk din il-Qorti m'hix se tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

10. Kif inghad iktar il-fuq, ir-raba' u l-hames imputazzjoni gew irtirati mill-Prosekuzzjoni fil-mori ta' dawn il-proceduri.

11. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, fil-gurnata tal-prezentata tieghu bl-arrest, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

12. Jirrizulta li huwa ikkoopera wkoll mal-Pulizija u wassalhom biex isibu l-oggetti kollha li seraq qabel inbdew dawn il-proceduri kriminali, hlief ghat-television li hu jghid li kien imkisser u ramieh, ghalkemm ammetta fl-istqarrija tieghu li ma kienx jaf jekk dan it-television kienx diga imkisser qabel serqu.

13. Mill-fedina penali jirrizulta li huwa ghandu zewg kundanni minn dawn il-Qrati - wahda ghal serq ikkwalifikat u l-ohra ghal pussess semplici ta' droga. Dawn iz-zewg sentenzi jirrisalu wahda ghas-sena 2000 u l-ohra ghas-sena 2010.

14. L-imputat ghandu problema ta' tossiko-dipendenza, pero mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation jidher li l-imputat ghandu intenzjoni jindirizza din il-problema u fil-fatt kien diga applika biex jaghmel programm mal-Agenzija Sedqa qabel bdew dawn il-proceduri kontrieh. Jirrizulta wkoll li huwa ghandu *admission meeting* dan ix-xahar stess, li jfisser li sussegwentement huwa jinghata data biex jidhol il-programm ta' riabilitazzjoni. Skond l-Ufficjal tal-Probation, jekk l-imputat jibqa' l-habs se jitlef ic-cans li b'mod immedjat jidhol il-programm ta' riabilitazzjoni minn barra l-habs.

15. La darba l-imputat jidher li hu motivat li jaghmel dan il-programm ta' riabilazzjoni mid-droga, din il-Qorti ma jidhriliex li jkun opportun li ittellfu din l-opportunita, b'sentenza ta' habs effettiva, ghaliex ir-riabilitazzjoni tieghu tkun fl-ahjar interess mhux biss tieghu izda tas-socjeta in generali.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(i) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni dedotta kontra l-imputat;

(ii) Wara li rat l-Artikoli 261(c) u (e), 267, 269(g), 279(a), 280(1) u 337(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(iii) A tenur ta' l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

13. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni.

14. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**